Kunsill Lokali L-Imsida
Pjazza Menqa, Msida
tel:21334343
www.msidalocalcouncil.com

**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali L-Imsida**
**IT-TMIEN LEĠISLATURA**
**Laqgħa Numru 48**
**Tlieta 17 ta'Jannar**

Il-Kunsilli Lokali l-Imsida ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Pjazza Menqa, l-Imsida,fil-5:35 pm.

**PREŻENTI:**

Margaret Baldacchino Cefai : Sindku
Charles Selvaggi : Kunsillier
Nicholas Joseph Chircop : Kunsillier
Jean Claude Borg : Kunsillier
Alfred Farrugia : Kunsillier
Maurice Agius : Kunsillier
Emanuel Brincat : Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Romina Galea : Viċi Sindku

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Alan Vella : Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai ippresediet l-laqgħa.

B'referenza għar-riżenja mill-kariga tas-Sinjura Judy Sciberras minn membru fil-Kunsill Lokali L-Imsida b'effett mill- 31 ta' Diċembru 2022, l-kunsilliera ġew infurmati li nhar it-Tnejn 9 ta'Jannar 2023 intbagħat email b'avviż lid- Direttur Ġenerali responsabbli għall-Gvern Lokali, is-Sur Natalino Attard u lill-Kummissjonarju Elettorali Prinċipali, is-Sur Joseph Camilleri biex jinbeda il-proċess biex timtela din il-vakanza skont id-dispożizzjonijiet ta' Kapitolu 363, artikolu 9 u dawk tat-Tielet Skeda tal-istess Att dwar Gvern Lokali. Saret referenza wkoll għad-dispożizzjonijiet ta' artikolu 10, biex tul iż-żmien sakemm timtela vakanza każwali, il-Kunsill jitqies li hu debitament kostitwit għall-finijiet ta' dan l-Att u kull proċeduri, għemejjel u deċiżjonijiet tal-Kunsill huma meqjusa validi. Matul il-ġurnata ta' meta issejħet din is-seduta (L8-48) saret l- Elezzjoni Każwali fejn kien elett is-Sur Renald Camilleri li kien mistieden ikun preżenti waqt is-seduta bħala osservatur filwaqt li saru l-arranġamenti neċessarji biex ikun jista' jieħu il-ġurament bħala kunsillier għal Kunsill Lokali L-Imsida nhar it-Tlieta 31 ta' Jannar 2023 fil- 5:15 ta' filgħaxija.

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai f'isem il-kunsilliera preżenti tgħat merħba lis-Sur Renald Camilleri u rringrazzjat lis-Sinjura Judy Sciberras.

**48.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija;**

48.1.01 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella qara l-ittri ta' apoloġija tal-Kunsilliera s-Sinjura Romina Galea li talbet li tkun skużata.
Il-Kunsilliera preżenti, aċċettaw l-ittri ta' apoloġija.

Sospensjoni tas-seduta;

Is-Sur Alfred Farrugia talab għal sospensjoni tas-seduta biex tkun osservata minuta ta'silenzju b'rispett għal memorja tal-Eks Segretarju Parlamentari għal Gvern Lokali s-Sur Silvio Parnis u s-Sur Joe Baldacchino Kunsillier għal Kunsill Lokali B'Bugia li għaddew għal ħajja ta' dejjem.
Il-kunsilliera preżenti osservaw Minuta Silenzju.

**48.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

48.2.01 Il-Minuti tas-Seduti L8-46 u L8-47 ittieħdu bħala moqrija.
Il-minuti ġew approvati unanimament.

**48.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

48.3.01 B'referenza għal minuti 45.3.08, Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill kunsilliera preżenti l- applikazzjoni għal proġetti sostenibbli mill- Kunsilli Lokali bil-proposta ta' embellisment ta' Pjazza Victor Denaro ma'ġietx magħżula biex tibbenifika mill-fondi tal-iskema msemmija.

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li mill- komunikazzjoni li waslet jidher li tressqu tlieta u għoxrin (23) applikazzjoni. Il-Bord ta' evalwazzjoni għal MEEE, fl-ewwel stadju għamel evalwazzjoni amministrattiva tal-eliġibblita bażata fuq numru ta'rekwiżiti - applikazzjoni mressqa għal proġett ta' Pjazza Victor Denaro fejn tqieset bħala amministrattivament konformi u kkwalifikata għal evalwazzjoni teknika. Hawn kompla jispjega li l-proġetti approvati għall-finanzjament huma bażati fuq il-klassifikazzjoni u l-baġit disponibbli għall-Iskema. Fejn L-applikazzjonijiet ikklassifikata minn 1-3 intgħażlu għall-finanzjament. Sfortunatament, l-applikazzjoni tal-Kunsill Lokali L-Imsida naqset milli tkun fl-ewwel tliet (3) klassifikazzjoni u b'hekk, ma ġietx magħżula għal finanzjament taħt din is-sejħa.

48.3.02 Saret referenza dwar kommunikazzjoni minn għand Segretarju għall-Kummissarju Għoli u t-Tieni Segretarju (Kultura) għall-Kummissjoni Għolja tal-Indja is-Sinjura C P Lakshmi li spjegat kif fil-mument qed issiru attivitajiet (Swachhta Pakhwada) li hija Missjoni ta' Ħmistax bejn -1 sal-15 ta' Jannar marbuta ma' tindif, riċiklaġġ, jinġabar materjal mormi f'toroq u affarijiet oħra relatati. Għalhekk f'dan l-isforz, il-Kummissjoni Għolja talbet għal laqgħa bil-għan li jkun hemm kollaborazzjoni mal-Kunsill Lokali tal-Imsida biex isir tindif komunitarju fl-Imsida fejn hemm preżenza kbira ta' komunità u negozji Indjani. Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill Kunsilliera preżenti li nhar Ġimgħa 13 ta'Jannar filgħodu wara telefonata ġiet miftehma li ssir laqgħa mal-Kummissarju Għoli Gloria Gangte dik il-ġurnata f'nofsinhar li għalija kien hemm preżenti ukoll Is-Sinjura Lakshmi, is-Sur Alfred Farrugia, u s-Segretarju Eżekuttiv. Waqt il-laqgħa kien hemm diskussjoni dwar kollaborazzjoni għal attivitajiet li jistgħu jkunu organizzati aktar il-quddiem biex jinkoraġġixxu prattiki tajbin għal ambjent nadif u stil ta' ħajja sana.

48.3.03 B'referenza għal-minuti 38.3.04 relatata ma' SPI/SCI/1/2021 - Skema dwar Restawr ta' Postijiet / Monumenti Storiċi f'Malta 2020/2021, is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill-kunsilliera preżenti li mill-bieraħ it-Tnejn 16 ta'Jannar, beda ix-xogħol ta' preparazzjoni biex ssir ir-restawr ta' l-Għajn tal-Ħasselin minn barra kif ukoll minn ġewwa.

Il-kunsilliera preżenti għamlu diskussjoni dwar il-metodu li se jintuża biex jilqa' materjal mormi li jkun ġej mal-ilma tax-xita jew riħ permezz xibka. Issemmew ukoll metodi oħra possibbli li jista' jiġu kunsidrati.

48.3.04 B'referenza għal-minuti 37.3.04, Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill kunsilliera preżenti li l- applikazzjoni mill -Kunsill Lokali l-Imsida flimkien mal-Għaqda Nanniet Malta u l-Belt ta' Buchemi go Sqallija għal fondi Ewropew biex ikun mplimentat programm dwar Iċ-ċittadini, l-ugwaljanza, id-drittijiet u l-valuri (CERV) ġie approvat. Il-finanzjament tal-UE huwa ta' €7 930.00 (100%) li se jkun amministrat mill- Kunsill Lokali tal-Imsida filwaqt li il-Kunsill ta' Buscemi se jkun responsabbli għal-loġistika f'Buscemi, inkluż il-parteċipazzjoni tan-nies, sala għall-attivitajiet, kċina u ikel Taljan. Hawn spjegat li issa jmiss il-fażi li jkun implimentat go Buscemi (Sqallija) bejn l-14 u s- 16 ta' April, fejn irridu jitilgħu 41 persuna maqsuma bejn il-kunsill (2) u Nanniet Malta (20).Għalhekk filwaqt li l-akkomodazzjoni, trasport u l- ikla ta' nofsinhar huma koperti mill- fondi allokati, dawk li huma interessati jitilgħu irridu jħallsu għal- biljett tal- ajru li jiswa €120. Inghataw ukoll dettalji dwar il- programm u saret diskussjoni qasira dwar min ista jipparteċipa fil-grupp tal-kunsill Lokali minn fost il-kunsilliera jew l-amministrazzjoni jew jekk ikun hemm interess minn rappreżentanza ta' membru wieħed tal-kumitat minn xi għaqdiet tal-lokal.

48.3.05 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill kunsilliera preżenti li nhar il-Ħamis 26 ta'Jannar 2023 f'nofsinhar se jkun hemm konferenza tal-aħbarijiet u l-ftuħ uffiċjali tal-Promenade go Triq ix-Xatt ta'Xbiex sabiex min ikun jista' jattendi.

**48.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;**

48.4.01 B'referenza għal- minuti 46.3.02, dwar l- applikazzjoni għal-isem propost l-Aħwa Cefai. Is-Sindku Margaret Cefai għarrfet lill kunsilliera preżenti li l-Kumitat għat-Tismija tat-Toroq iddeċieda li tissemma parti żgħira minn Triq it-Torri fis-Swatar flimkien ma' triq mingħajr isem uffiċjali bħala Triq l-Aħwa Cefai bin-nomenklatur 'Edmond u Lawrence, 'Trejdunjonista'. Iżda il-Kumitat m'aċċettax li 'Triq it-Torri, Is-Swatar' tkun imsemmija kollha, peress li reċentement kien sar eżerċizzju tan-numri ġodda tal-bibien f'din il-parti tat- triq. Dan it-tibdil se jkun ippubblikat uffiċjalment fil-Gazzetta tal-Gvern fil-ġimgħat li ġejjin.

48.4.02 B'referenza għal- minuti 46.3.05, s-Sur Charles Selvaggi tkellem dwar fondi allokati għat tisbiħ gor-roundabout ta' Ċirku tal-Imsida fejn staqsa jekk dawn humiex kemm intalab, meta se jibda ix-xogħol u sa meta irrid ikun lest.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li l-ammont huwa inqas mill- ammont stmat fl-applikazzjoni għalhekk il-proġett irrid ikun addattat mal-fondi mgħoddija. Fil-mument il-Perit f'isem il-Kunsill Lokali Msida qed jitlob għal kwotazzjoni dwar xogħlijiet ta' stħarriġ li juru l-livelli attwali tas-sit u pjanta b' tqassim tal-ispazju eżistenti go Ċirku tal-Imsida. Filwaqt li x-xogħlijiet iridu jsiru sa'28 ta' Ġunju 2024.

48.4.03 B'referenza għal minuti 46.3.06, Is-Sur Maurice Agius staqsa meta tagħlaq sejħa għal tender biex jinxtara Van elettriku.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li meta ħarġet is-sejħa din kienet tagħlaq fis- 17 ta' Jannar iżda minħabba tibdil fil-pjattaforma tal- Epps id-dipartiment tal-kuntratti ħareġ struzzjonijiet biex l-għeluq ikun estiż sa' 23 ta' Jannar.

48.4.04 B'referenza għal-minuti 46.4.02, Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai tkellmet dwar iċ-ċerimonja tal-ftuħ għal-'European Region of Sports' li se ssir il-Ġimgħa 20 ta' Jannar 2023. Tkellmet ukoll dwar il-proposti għal programm sportiv mill- għaqdiet tal-Ġostra, tal-Boċċi u l-Msida Warriors Cricket Club. Għal dan il-għan hemm ukoll maħsub li ssir ittra uffiċċjali mir-Regjun Lvant.

48.4.05 B'referenza għal-minuti 46.4.06 dwar rapport li sar għal infurzar fuq lukanda ġdida go Triq tal-Hriereb, is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li l-Kunsill Lokali bgħat email ieħor biex ifakkar dwar l-email preċedenti fir-rigward għat-talba tal-Kunsill Lokali għal assistenza jew jekk kienx hemm x'żvilupp dwar il-każ.

48.4.06 B'referenza għal minuti 46.4.09, is-Sur Emanuel Brincat talab għal kopja tal-pjanti tas-sit għat- toroq urbani inklużi fir-rapport mal-pjan ta' ħidma għas-sena 2023-2025

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai staqsiet jdawwar ix-xogħol li għaddej fil-mument go Triq Achille Ferris u jekk hux se ssir it-triq ukoll.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li xogħol li għaddej huwa għal trinek biss biex jingħadda cable tal-enemalta mis-substation goċ- Ċirku tal-Imsida.

48.4.07 B'referenza għal minuti 46.4.10, Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li saret verifika mal-pjanti approvati għal PA-9668/17 (4B/82D/82F/85C/128B/128C għat- tqiegħed ta' żewġt pjattaformi tal-injam tal-catering fuq barra tul il-faċċata go Triq il-Parroċċa u go Triq Ix-Xatt Ta' Xbiex li jinkludu l-bollards.
Is-Sur Maurice Agius tkellem dwar il-pletform, il-qisien u kif hija forma ta' kaxxa li ma' tidhirx li hi skond il-pjanta.
Is-Segretarju Eżekuttiv ħa' nota u wieġeb li se jagħmel verifika oħra u jerġa jibgħatlu kopja tal-pjanta.
Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai tkellmet dwar l-stabbiliment ta' ħdejh li minkejja li nġibdet l-attenzjoni dwar riklam ma' siġra fejn iz-zuntier, xorta qed iħallih marbut hemm.

48.4.08 B'referenza għal minuti 46.5.01, Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li qed jipprepara l-applikazzjoni biex ssir *road hump* go Triq Ġwann Mamo.

48.4.09 B'referenza għal minuti 46.5.03, Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li ntalbet stima / BOQ oħra għal proġett biex issir Sqaq Clarence.

48.4.10 B'referenza għal minuti 46.5.06 dwar is-sistema għall-ilma tax-xita go Triq ix-Xatt Ta'Xbiex, is-Sur Maurice Agius tkellem dwar ix-xaqliba tat- triq kif hu fil- mument lejn il- ġewwa u staqsa jekk hux possibbli kif se jingħata il-wiċċ tat- triq ix-xaqliba ssir lejn il-promenade.
Is-Sur Emanuel Brincat wieġeb li l-water catchment fuq in-naħa tal-promenade saru hekk minħabba li l-moll huwa kważi mal-baħar għalhekk ix-xaqliba ma' tistax ssir minħabba il-livelli li hemm.
Is-Sur Charles Selvaggi tkellem dwar il-kurduna b'xoffa li hemm fuq il-promenade fejn tneħħiet parti biss u staqsa jekk hux se titneħħa kollha.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li fil-bidu fehem li se titneħħa iżda kull ma' kella titneħħa hija dik il-parti biss.

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai wieġbet li ix-xoffa hija linja gwida għal bike lane.

48.4.11 B'referenza għal minuti 46.5.12, Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li l-ħaddiema tal-kunsill għamlu patching fejn kien hemm bżonn go Triq il-Baċir.

48.4.12 B'referenza għal minuti 46.5.13, Is-Sur Maurice Agius staqsa jekk sarx kuntatt mal-kuntrattur li għamel ħsara fuq il-bankina biswit iċ-ċentru parrokkjali meta żarma it-Tower Crane.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li għadu ma' sarx kuntatt.

48.4.13 B'referenza għal minuti 46.5.14, Is-Sur Maurice Agius staqsa x'jista' jsir dwar parkeġġ abbużiv fuq il-bankina ta' Triq il-Kunzar.

Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u ġie deċiż li jsiru bollards tal-plastik.

48.4.14 B'referenza għal minuti 46.5.16, Is-Sur Emanuel Brincat tkellem dwar l-pjan ta' traffic management għal Triq San Lwiġi fejn għarraf lill kunsilliera preżenti li ġa' ġiet diskussa mal-perit biex possibbilment ssir fis-sajf.

Saret diskussjoni dwar x'jista' jiġri fil-każ ta' traffic management minħabba aċċess meta jingħata bidu għall-Proġett tal- Imsida Creek. Is-Sur Maurice Agius staqsa biex il-kunsill jara jekk hux possibbli ssir Traffic Lights miż-żewġt naħat bħal ma hemm go postijiet oħra.

48.4.15 B'referenza għal minuti 47.2.01, Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li l-Kalendarju 2023 li ħejja il-Kunsill Reġjonali tal-Lvant ġie stampat u beda jigi mqassam bħal snin ta' qabel iżda l-ammont ta' 3500 ordnat ma'serviex u ġew ordnati aktar kopji. Is-7000 flyer bl-iskeda l-ġdida tal-ġbir tal-iskart waslu l-uffiċju tal-kunsill u saru arranġamenti biex jitqassmu 4,500 fid-djar bil-posta.

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai spjegat li n-numru ta' *household* qed jiżdied minn sena għal oħra fejn qed ssir diffiċli biex tkun taf x'hemm minn dawn l-appartamenti li huma għal- kiri fuq żmien qasir bil-barranin jew fit-tul bħala residenza. Għalhekk meta ġie verifikat mal-posta biex jitqassmu l-avviżi l-ammont indikat kien iqarreb l- 4,500.

Saret diskussjoni fejn intqal li kien hemm residenti li qalu li l-avviż ma' wasalx għandhom.

48.4.16 B'referenza għal-minuti 47.2.03, is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai tkellmet dwar l-introduzzjoni tal-pulizija fil-komunità fejn għarrfet lill-kunsilliera preżenti li fil-mument hemm għaddejja sejħa għal ingaġġ mal-korp għalhekk trid tara x'hemm. Għad rrid ikun konfermat meta se tibda l-iskema u jekk hux se jagħmlu użu mill-kamra li ġiet offruta biex joperaw mill-Imsida

48.4.17 B' Referenza għal minuti 47.3.01, is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai tkellmet dwar l-kuntratt Reġjonali li daħal fis-seħħ f'Jannar fejn għarrfet lill kunsilliera preżenti li saret spezzjoni mat- toroq minn ammont ta' impjegat mill- ERA u d-Dipartiment tat- Tindif biex jimmarkaw b'avviż l-iskart li jkun inħareġ mhux skond l-iskeda. Hawn għarrfet lill kunsilliera preżenti li fit-8:15 sakemm dawn kienu qed jippreparaw biex jibdew l-ispezzjoni minn Triq San Lwiġi k/m Triq l-iskola, ghadda runner li beda jiġbor il-boroż ta'kull tip u pogga kollox fil-kantuniera imbagħad ftit wara wasal it-trakk tal-iskart minn Triq Johnny Catania li beda jieħu biss skond l-iskeda. Fl-istess ħin is-Segretarju Eżekuttiv li kien fuq il-post mar ikellem lix-xufier ta'trakk biex jiġbed l-attenzjoni dwar il-kollezzjoni li bdiet qabel il-ħin, il- piling u biex tat- trakk idawwar u jerġa jibda ir-rotta mill- ġdid. Għalhekk sar kuntatt mal-Kuntrattur u r- Regjun lvant biex ssir laqgħa dwar dawn in-nuqqasijiet u biex jgħaddi id-dettalji bil-ħin tar- rotta.

Is-Sur Maurice Agius ikkonferma li kien dak il-ħin li għamel kuntatt mas-Segretarju Eżekuttiv li tat- trakk kien ġa ġabar ħdejn iċ-ċentru parrokkjali. Tkellem ukoll dwar tal-clensing li messhom ukoll jieħdu nota ta' dawn l-affarijiet u jieħdu azzjoni mal-kuntrattur.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li l-kunsill qed iwassal kull rapport li qed ikun hemm, kemm lill-uffiċjal inkarigat fir-Regjun Lvant kif ukoll lill ERA, LESA jew lill Cleansing skond il-każ.

48.4.18 B'Referenza għal minuti 47.3.02 dwar karozzi pparkegati fuq l-iskall, Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill kunsilliera preżenti li gew installati l-bollards fuq il-promenade. Tkellmet wkoll dwar l-ewwel dgħajjes li bdew jittellgħu bil-permess fuq l-iskall.

Is-Sur Maurice Agius ġibed l-attenzjoni li hemm dgħajsa li qeda wisq viċin tal-kamra ta'dawl u din tista' tkun ostaklu f'każ ta'emerġenza.

Is-Sur Jean Claude Borg tkellem dwar il-permessi u spjega għala ma jaqbilx li tkun involuta l-għaqda tad- dgħajjes.

Is-Segretarju Eżekuttiv ħa nota dwar il-kamra ta'dawl u wieġeb li fil-mument din ma'hemm xejn go fiha iżda jaqbel li trid tinżamm ċertu distanza. Dwar il-permessi spjega l- proċedura ġdida fejn is-sidien tad- dgħajjes huma obbligati jimlew applikazzjoni mal-kunsill biex jagħmlu użu mill- iskall li apparti id-dettalji tas-sid irrid ikun hemm inkluż kopja ta' ċertifikat tar-reġistrazzjoni tad-dgħajsa li tul ma jistax jaqbeż 12 il-metru flimkien mal- kopja ta' ċertifikat ta' reġistrazzjoni tal- irmiġġ god-daħla tal-Imsida li huma maħruġa minn Transport Malta. Kull applikazzjoni tinkludi garanzija ta' €69 għal dgħajsa sa 6 metri u €128 il fuq sa' 12 il-metru. Spjega wkoll li sakemm il-kunsill ssib koperazzjoni sħiħa mill-għaqda tad-dgħajjes biex ikun hemm kollox konformi mal-Bye Law kurrenti, dan se jgħin biex il-post jintuża b'mod aktar responsabbli. Hawn staqsa lill kunsilliera preżenti biex jikkunsidraw li tingħata ċavetta waħda tal-bollards lill rappreżentant tal-għaqda biex ikun jista' jagħti aċċess għal dawk id-dgħajjes bil-permess ħa jitilgħu jew jinżlu.

Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u qablu li tingħata ċavetta waħda bil-kundizzjoni li tkun biss għand rappreżentant wieħed, li ma' tkunx f'idejn nies oħra u li ma ssirx kopja tagħha.

**48.5 Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;**

48.5.01 Is-Sindku Margaret Baldacchino għamlet referenza għal komunikazzjoni li saret aktar kmieni fix- xahar fejn għarrfet lill kunsilliera preżenti li wara li saret talba mill-Aġenzija Servizzi.Gov,fejn il-kamra tal- IT ġiet temporanjament allokata għal skopijiet unikament ta' użu bħala Ċentru għas-Servizzi Soċjali l- "One Stop Shop" tas-Servizzi Governattivi biex ikomplu jinqdew ir-residenti. Hawn spjegat kif dan beda b'seħħ mill-1 ta'Jannar 2023 għal żmien ta' ħames (5) xhur liema perjodu ma jiġix imġedded jekk mhux bi ftehim espress u bil-miktub taż- żewġ naħat. Dan se jkun bil-kera ta' tliet mitt ewro (€300) fix-xahar li titħallas xahrejn bil-quddiem li tinkludi spejjeż ta' dawl u ilma wara li l-kunsill jippreżenta talba għall-ħlas relattiv. Il-kamra se tkun qed tintuża minn erba' (4) uffiċjali flimkien ma' uffiċjal wieħed (1) tas-sigurtà fiż-żona ta' stennija filwaqt li l- Aġenzija se tieħu ħsieb ukoll it-tindif. Il-ġranet ta' ftuħ se jkunu kull nhar ta' Tnejn, Erbgħa, Ħamis u Sibt mis-7:30am sas-1:30pm u nhar ta' Tnejn mill-4:00pm sas-7:30pm. Jekk jinħass il-bżonn li jiġu estiżi l-ġranet u l-ħinijiet tal-ftuħ, għanda ssir talba bil-miktub għall-approvazzjoni tal-kunsill sa mhux inqas minn ħmistax-il jum qabel, liema kunsens m'għandux jiġi miżmum jekk mhux għal raġuni valida.

Il-kunsilliera preżenti ddiskutew u qablu unanimament.

48.5.02 B'referenza għal-minuti 47.2.04, is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai tkellmet dwar il-laqgħa li saret nhar it-Tlieta 20 ta' Diċembru fid-9:30am ma' IM li għaliha attendew ukoll is-Sinjuri Emanuel Brincat, Nicholas Chircop, Jean Claude Borg, Maurice Agius u Alfred Farrugia. Waqt il-laqgħa ġew diskussi bosta punti relatata mad- disinn tal-pjazza u faċilitajiet rikreattivi msemmija hawn kif ġej: Nota ta' S.E "kopja tal- komunikazzjoni b'dawn il-punti se tingħata lill-kunsilliera".

1) Il-monument ta' San Ġużepp li għandu jiġi inkluż fil-post miftiehem bejn il-pjazza pubblika u ż-żona rikreattiva. (2) Jiġu inkluż fuq in-naħa tal-pjazza post permanenti f'saffi fejn tista' toqgħod bilqiegħda.(3) Ir-rilokazzjoni tal-busts jew /monument eżistenti. (4) Allokazzjoni ta' spazju għall-Ġostra li tinkludi pjattaforma ta' madwar 1.5m b'2.5m fit-tarf tal-ilma fejn jistgħu jkunu hemm ukoll bżonn ta' alterazzjonijiet fil-metodu jekk tkun meħtieġa installazzjoni tal-arblu,(5) Il-post tat-latrina pubblika li kien propost minn IM ġie konfermat mill-Kunsill Lokali Msida.(6) Zona quddiem il-pumping station tal-WSC għal-Logħob tan-nar tal-art mill-Każin tal-Banda, (7) Kull permess tal-Awtorità tal-Ippjanar u finanzjament għad-disinn mill-ġdid tal-klabb tal-Boċċi se jinżammu separati mill-Proġett Msida Creek u mhux se jkunu fl-ambitu tax-xogħlijiet ta' IM. (8) Inklużjoni ta' kamra għal impjant maġenb il-pjazza, fil-pont b'daqs approssimattiv: 3m bi 3m u għolja 2m. (9) L-Għajn tal-Ħasselin hija barra mil-limiti tal-proġett.

Is-Sindku kompliet tispjega li l-perit tal-kunsill qed tipprepara pjanta skematika biex l-IM tkun tista' tinkludi kull aspett ta' xogħolijiet marbuta ma'dan il-proġett meta toħroġ is-sejħa għal tenders. Hawn staqsiet lill kunsilliera preżenti jekk hux kulħadd qed jaqbel mal-proġett kif fil-preżent huwa propost sabiex tikteb lill Infrastructure Malta li l-Kunsill Lokali tal-Imsida qed jaqbel.

Is-Sur Emanuel Brincat qal li fis-sit tal-PA kien hemm xi ftit kummenti mingħand tar-roti u għalfejn l-Għajn tal-Ħasselin mhux inkluża fil-proġett iżda ma' jidhirx li kien hemm minn għamel oġġezzjoni.

Is-Sur Charles Selvaggi tkellem u staqsa dwar is-sistema tac- ċirkulazzjoni tal-ilma fil-kanal propost u staqsa kemm din se tkun addattata, effiċjenti u backup. Tkellem ukoll dwar is-servizz tal-perit fejn spjega li fejn hu possibbli l-kunsill lokali għandu jkun gwidata sew u skond dak li jixtieq.

Il-kunsilliera preżenti għamlu diskussjoni dwar is-sistema ta' pompi għal ċirkulazzjoni aħjar tal-ilma fejn ssemmew pompi ta' riserva fil-każ ta' ħsara fuq dawk prinċipali li s-Sur Maurice Agius spjega li biex jitħaddmu kull ma hemm bżonn huwa sistema ta'change over ta' dawl. Is-Sur Jean Claude Borg tkellem u staqsa dwar il-ftehim ta'manutenzjoni li Sur Emanuel Brincat spjega li l-ħsieb tal-IM huwa li dan ikun taħt kuntratt speċifiku għal numru ta'snin.

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai b'referenza għal-minuti 45.3.08, relatat mal-istess suġġett tkellmet dwar il-laqgħa pubblika biex jingħata tagħrif u ssir konsultazzjoni mar-residenti u għarrfet lill kunsilliera preżenti li s-CEO tal-IM wera il-ħsieb li flimkien ma' rappreżentanti tat- team tiegħu jippartecipaw biex jispjegaw jew iwieġbu il-mistoqsijiet li jista' jkun hemm.

Bdiet diskussjoni oħra fejn kienu proposti is-27 ta'Frar jew is-6 ta' Marzu bħala dati ta' meta tista' tissejjah il- laqgħa bl-avviż statutorju fil-gazzetta tal-Gvern flimkien mal-paġna FB tal-kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar dwar il-pjattaformi tal-Easy2choose li tista' tilħaq aktar nies u staqsa dwar il-post fil-każ ta' attendenza akbar minn tas-soltu. Ġie diskuss ukoll id-dħul għal-laqgħa li għandu jkun bil-karta tal-identità skond ir-reġistru elettorali.

48.5.03 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda ir-rapport u rakkomandazzjoni tas-Segretarju Eżekuttiv għal- Performance Bonus ta' 6 % lill-impjegati amministrattivi għas-sena 2022 biex ikunu kunsidrati u approvati. Hawn spjega għal waħda mill-impjegati dan se jkun pro rata sakemm waqfet għal perjodu ta'leave għal paternita bla ħlas. Minħabba fil-perjodu qasir ta' ftit ġimgħat ma' tistax ssir evalwazzjoni komprensiva saret rakkomandazzjoni ta' 3% li għandu jingħata lill impjegat il-ġdid b'effett mill-21 ta' Novembru sal-31 ta'Diċembru 2022.

Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u approvaw unanimament.

48.5.04 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il- mejda rakkomandazzjoni u pproponiet 10% mill- kunsill għal- Performance Bonus tas- Segretarju Eżekuttiv filwaqt għanda ssir rakkomandazzjoni biex id-direttur Ġenerali għal Gvern Lokali japprova l-5% oħra.

Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u approvaw unanimament il-Performance Bonus massimu ta'15%.

48.5.05 Is-Sur Charles Selvaggi tkellem dwar sewqan eċċessiv go Triq Guze Ellul Mercer fis-Swatar li qalulu bih xi residenti u staqsa jekk hux possibbli li ssir *road hump*.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li r-residenti jistgħu jagħmlu talba b'nota ta' spjegazzjoni permezz ta' petizzjoni b'dettalji tal-firmatarji bħal ma' saret għal Triq Ġwann Mamo (46.5.01) u jekk il-kunsill jaqbel imexxi l-applikazzjoni għal approvazzjoni ta'Transport Malta.

48.5.06 Is-Sur Charles Selvaggi tkellem dwar id-Deputat Segretarju Eżekuttiv u staqsa għala fil-każ tar- riżenja tas- Sinjura Judy Sciberras, il-proċess biex timtela il-vakanza ma'setax jibda mal-ewwel.

Is-Segretarju Eżekuttiv kjarifika li meta sar jaf kien it-Tnejn, 2 ta'Jannar u mal-ewwel bgħat messaġġ lid-direttur iżda minħabba limitazzjonijiet ta' aċċess ma'setgħax jibgħat email. Spjega ukoll li d-Deputat Segretarju Eżekuttiv ikun nominat għal perjodu ta'żmien b'riżoluzzjoni mill- kunsill lokali u jista' jibda jaġixxi meta s-Segretarju Eżekuttiv javża lill-Kunsill u lit-taqsima tal-Riżorsi Umani tad-Dipartiment bil-miktub li hu ma jkunx jista' jaġixxi. Meta dan iseħħ id-dipartiment jibgħat ittra ta' notifika biex id-Deputat Segretarju Eżekuttiv jibda jaġixxi. Hawn kompla jispjega li f'seduta li jmiss il-kunsill irrid jew jerġa jikkonferma jew jinnomina Deputat Segretarju Eżekuttiv ġdid skond id-dispożizzjonijiet ta'artiklu 50 tal-liġi.

48.5.07 B'referenza għal minuti 31.4..22, dwar abbużi minn sidien ta' trakkijiet jew trejlers li qed jitħallew pparkjati go' Triq Indrì Grima, Is-Sur Emanuel Brincat tkellem dwar tabelli li jistgħu jsiru apposta biex jindikaw li vettura kbira ma tistax tipparkja go triq u ppreżenta kopja ta'tabelli minn fuq l-internet li jistgħu jiġu applikati.

Is-Segretarju wieġeb li se jibgħat il-kopji għal approvazzjoni jew suġġerimenti ta' TM u spjega li dawn mhux fil-lista ta' tabelli li jidhru fil-Liġi sussidjarja 65.05

48.5.08 Is-Sur Emanuel Brincat tkellem dwar tabella b' isem li ma għaddiex hemm go Triq Makna ta' Serrar u talab biex tkun ordnata waħda.
Is-Segretarju Eżekuttiv ħa'nota biex tkun ordnata.

48.5.09 B'referenza għal- minuti 9.4.07, is-Sur Alfred Farrugia staqsa jekk jistgħux jeħlu t-tabelli indikattiv għal- Kappella tal-Kunċizzjoni ġaladarba l-kbir tax- xogħol tal-kostruzzjoni fi triq huwa lest.
Is-Segretarju Eżekuttiv ħa' nota u wieġeb li se ssir waħda ħdejn il-kunsill.

48.5.10 Is-Sur Jean Claude Borg staqsa jekk jistax ssir xi dawl go Misraħ 5 ta' Ottubru fejn il-Club tal Bocci.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li ġa mar fuq il-post mal-kuntrattur biex jara x'jista' ssir. Hawn spjega li ġa saru xi floodlights iżda jidher li dawn huma mal-meter tal-Club u qed jibqgħu mitfija. Il-problema hija fil-kamra li għanda bżonn tkun aktar sikura u li teħtieġ ukoll tinbidel is-sistema kollha ta'dawl li hemm.

48.5.11 Is-Sur Jean Claude Borg tkellem dwar proposta biex ssir purċissjoni ta' tfal tal-iskola bl-istatwa ta'San Guzepp f'ġurnata viċin il-festa pubblika nhar id-19 ta' Marzu.

48.5.12 Is-Sur Nicholas Chircop ta' dettalji dwar attività li saret għat-tfal nhar it-30 ta'Diċembru 2022 fejn għarraf lill kunsilliera preżenti li kien hemm attendenza ta'80 persuna.

48.5.13 Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda tabella tal-prezzijiet imħabbra mill-Wasteserv u talba mill- kuntrattur tal-ġardinar għal żieda ta' €50 fix-xahar minħabba żidiet sostanzjali għal tipping fees ta'skart imħallat b'effett mill- 1 ta'Jannar 2023 skond l-avviż legali 242 ta'2022.
Il-kunsillier preżenti ddiskutew u approvaw unanimament.

**48.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat tal-Kumitat**

Ma' kienx hemm rapporti.

**48.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

48.7.01 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella poġġa fuq il-mejda l-iskeda K8-48 ta' ħlasijiet bejn is-16 ta' Diċembru 2022 u 17 ta' Jannar 2023.
Il-Kunsilliera preżenti iddiskutew l-iskeda li ġiet proposta mis-Sur Maurice Agius u s-sekondat mis-Sur Alfred Farrugia.
Il-Kunsilliera preżenti approvaw l-iskeda unanimament.

**48.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

48.8.01 Il-laqgħa ntemmet fit-8:10 ta' filgħaxija, u se ssir seduta apposta nhar it-Tlieta 31 ta' Jannar 2023 biex ikun diskuss u approvart ir-rapport finanzjarju mhux awditjat ghas-sena 2022. Filwaqt li data għas-seduta statutorja li jmiss se tkun it-Tlieta 28 ta' Frar.

Minuti konfermati, illum 28 ta' Frar 2023.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Margaret Baldacchino Cefai<br>Sindku | Alan Vella<br>Segretarju Eżekuttiv |